**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 428/19 AL

**AB**

u

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-partijiet iżżewġu ġewwa Malta fis-26 ta' Ġunju tas-sena 2010 (Ara Dok. A anness) u minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda tfal;
2. Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Christine Abela nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena 2014 (Ara Dok. B);
3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment għal dawn

l-aħħar ħames (5) snin u nofs, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għad-dritt tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin, hekk kif jidher mill-klawsola numru 4, tal-anness kuntratt ta' separazzjoni;
5. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.